MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 535/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Kevin Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kevin Zammit ta' 36 sena, bin Philip-James u Carmen nee Ciantar, imwieled Attard fl-4 ta' Lulju 1969, u li joqghod f'The Arches, Triq Hal Sajd, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 305169(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'April 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

a. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih, jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn LM 1,000.00 ghad-dannu ta' Raymond Farrugia, John Farrugia u tas-socjeta' Advent Marketing & Services Ltd., liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta' Raymond Farrugia, John Farrugia u tas-socjeta' Advent Marketing & Services Ltd; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Mejju 2007 (esebita a fol. 112 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali ;

(b) fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 ta' Marzu 2004 l-imputat kien firmatarju ta' konvenju[1] maghmul min-Nutar Pierre Falzon fejn huwa fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' Wanapp Co. Limited kien obbliga ruhu li jbiegh propjeta', 7, Two Seas Court, St. Publius Street, f'San Pawl il-Bahar lil wiehed mill-kwerelanti, John Farrugia, ghall-prezz ta' Lm47,000. Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2007 John Farrugia qal li huwa kien hallas il-prezz kollu lil Zammit fuq il-konvenju izda ma kienx ghadda l-flus quddiem in-Nutar. L-istess John Farrugia jghid li sussegwentement huwa skopra li l-imputat kien biegh l-istess fond li kien wieghed li jbiegh lilu lil terzi u dan permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Marzu 2004[2] publikat min-Nutar Ian Spiteri fejn il-fond inbiegh lil certu Saviour Xuereb. Mill-atti, u senjatament mid-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Abdilla, izda jirrizulta li fid-29 ta' Marzu 2004[3] sar kuntratt bejn l-imputat ghan-nom tas-socjeta' Wanapp Company Limited u l-kwerelant John Farrugia fejn is-socjeta' Wanapp Limited ikkostitwiet ruhha debitrici tal-kwerelant John Farrugia u martu fis-somma ta' Lm47,000 u fejn bhala garanzija tar-restituzzjoni tal-ammont misluf inghatat ipoteka specjali favur il-kredituri fl-ammont ta'

[1] Kopja inserita a fol. 25 tal-atti processwali.
[2] Kopja tal-kuntratt inserita a fol. 31 sa 38 tal-atti processwali.
[3] Ara dokument inserit a fol. 28 u 29 tal-atti processwali.

Lm47,000 fuq l-appartament numru 7, Two Seas Court, San Pawl il-Bahar fejn in-nota ta' iskrizzjoni relattiva giet registrata fl-4 ta' Gunju 2004[4]. Il-kwerelant l-iehor Raymond Farrugia li wkoll xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta Marzu 2007 fejn huwa spjega li fit-12 ta' Marzu 2004[5] fil-kwalita' ta' direttur tas-socjeta' Advent Marketing and Services Limited kien xtara garaxx/mahzen f'Hal-Dwini Street, Haz-Zebbug minghand l-imputat li kien qed jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Hite Investments Limited ghall-prezz ta' Lm23,000 fejn il-prezz tal-bejgh kien gie mhallas fuq il-kuntratt. Raymond Farrugia jghid li sussegwentement huwa skopra li l-istess garaxx kien gie mibjugh mill-imputat din id-darba fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Industrial Abrasive Supplies Limited permezz ta' kuntratt datat 21 ta' April 2004[6] lil Mario Abela u Emanuel Buhagiar fejn il-kuntratt relattiv ukoll gie ppublikat min-Nutar Pierre Falzon bhal ma kien il-kuntratt tat-12 ta' Marzu 2004.

Ikkunsidrat:

Illi fit-30 ta' Mejju 2006 l-imputat irrilaxxja stqarrija[7] fejn huwa sostna li kemm meta sar il-konvenju tal-1 ta' Marzu 2004 ma John Farrugia kif ukoll meta sar il-kuntratt tat-12 ta Marzu 2004 ma Raymond Farrugia ghan-nom ta' Advent Services and Marketing Limited dan kien sar biss bhala garanzija ghal self ta' flus li l-ahwa Farrugia kienu tawh u fil-fatt huma qatt ma kellhom l-intenzjoni li jixtru jew jakkwistaw il-propjetajiet indikati. Huwa qal ukoll li l-konvenji kellhom jigu kancellati malli huwa jhallas lura l-ammonti lilu mislufa mill-ahwa Farrugia u f'kaz li huwa ma jhallasx il-propjetajiet indikati fil-konvenju kellhom jghaddu lill-ahwa Farrugia. Huwa qal ukoll li sussegwentement ghalkemm kien qed jeffetwa pagamenti lill-ahwa Farrugia dawn kienu qed inaqqsu l-pagamenti li kien qed jaghmel mill-imghaxijiet u minn ammonti ohra li kienu dovuti lilhom fuq negozji ohra u mhux mill-ammonti mislufa fejn saru l-konvenji li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza. Huwa qal li

[4] Ara dokument inserit a fol. 30 tal-atti processwali.
[5] Kuntratt relattiv inserit a fol. 44 sa 46 tal-atti processwali.
[6] Kopja nserita a fol. 48 sa 50 tal-atti processwali.
[7] Inserita a fol. 16 sa 18 tal-atti processwali.

sussegwentement u bi qbil bejn l-ahwa Farrugia gie miftiehem li huwa kellu jaghtihom ipoteka specjali fuq propjeta' ohra li kellu f'Haz-Zebbug u huma accettaw izda bi zvista huwa nesa jikkancella z-zewg konvenji in dizamina. L-imputat ikkonferma wkoll li z-zewg propjetajiet indikati fiz-zewg konvenji in dizamina huwa kien bieghom lil terzi izda qal li ma kienx jaf jekk il-bejgh kienx sar meta il-propjetajiet kienu ghadhom fuq konvenju ma l-ahwa Farrugia. Finalment huwa qal ukoll li kien dispost lli jhallas lill-ahwa Farrrugia il-flus li kien ghadhom dovuti lilhom. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012 fejn huwa rribadixxa dak li kien qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata fis-sens illi l-ahwa Farrugia kienu jisilfuh il-flus u bhala garanzija tal-pagament kienu jesigu li jsiru l-konvenji fuq proprjetajiet. Huwa qal li assolutament ma kienx minnu li John Farrugia kien ghaddielu is-somma ta' Lm47,000 meta sar il-konvenju tal-1 ta' Marzu 2004 izda spjega li dan l-ammont huwa kien silifulu qabel. Huwa fil-fatt esebixxa dokument datat 30 ta' Marzu 2004[8] fejn gie kancellat il-konvenju tal-1 ta' Marzu 2004. L-imputat qal ukoll li f'affidavit guramentat li John Farrugia esebixxa fi proceduri li huwa istitwixxa kontra l-imputat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn huwa premetta li kien kreditur tal-imputat huwa kkonferma li l-konvenju kien gie kancellat ghaliex l-imputat kien avvicinah u qallu li sab il-bejgh tal-appartament formanti parti mill-konvenju. L-imputat sostna wkoll li il-kuntratt tat-12 ta' Marzu 2004 fejn Hite Investments Limited bieghet propjeta'' lil Advent Marketing Services Limited huwa falz ghaliex huwa qatt ma deher fuq dan il-kuntratt. Huwa inoltre esebixxa kopja ta' ittra datata 5 ta' Marzu 2004[9], u cioe' sebat ijiem qabel allegatament sar il-kuntratt tat-12 ta' Marzu 2004, fejn Dr. Gavin Gulia li kien qed jikteb ghan-nom tal-klijent tieghu il-kumpanija Advent Maketing and Services Limited talab lill-imputat ghan-nom ta' Hite Investments Limited sabiex sa zmien it-12 ta' Marzu 2004 jizgombra il-garaxx ossia warehouse fi Triq Hal-Dwin, Haz-Zebbug stante li dan il-garaxx kien propjeta' tas-socjeta mittenti. L-imputat qal ukoll li llum il-gurnata huwa

[8] Inserit a fol. 171 u 172 tal-process.
[9] Inserita a fol. 192 tal-atti processwali.

rranga l-affarijiet mal-kwerelant Raymond Farrugia u fil-fatt dan tal-ahhar xehed f'dawn il-proceduri in kontro-ezami[10] fejn iddikjara li llum il-gurnata m'ghandux pendenzi mal-imputat u li huma rrisolvew il-pendenza li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna u ghadhom jaghmlu negozju flimkien.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' approprjazzjoni indebita u truffa ghad-detriment ta' Raymond Farrugia, John Farrugia u s-socjeta' Advent Marketing and Services Limited. Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana ir-reat.

"**Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>**;(sottolinjar tal-Qorti) **(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."**

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

[10] Waqt l-udjenza tal-1 ta' Lulju 2011

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio”** (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“**Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”**

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta’ dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fit-23 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq

il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta’ dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***“Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ Della conversasione con scienza della sua illegittimita’, e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e’ [come nel furto e nella truffa] l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l’esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l’operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche’ non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l’incaricato di esigere l’importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e’ costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.”***

Illi r-reati ta’ truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

**“Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’ “raggiri o artifizi” – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56).”**

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat fil-kawza odjerna l-Qorti jidrilha li l-ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma tirrizulta pruvata. Jibda sabiex jinghad li wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza f’dan il-kaz il-Qorti tinsab sodisfatta li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti sehhew kif spjegahom hu kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri u cioe’ li l-konvenju kien biss messa in xena adoperata u rikjesta mill-ahwa Farrugia sabiex ikollhom garanzija ghad-self ta’ flus li kienu jeffetwaw lill-imputat u xejn aktar u li ghalhekk ebda wiehed mill-ahwa Farrugia ma kien qed jghaddi l-flus lill-imputat bhala prezz ta’ propjeta’ li kellhom l-intenzjoni li

jixtru. Il-Qorti setghat tikkonstata fil-kaz ta’ John Farrugia li l-konvenju tal-1 ta Marzu 2004 gie kancellat fit-30 ta’ Marzu 2004 kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-imputat izda li ghal ragunijiet ovvji l-istess John Farrugia naqas milli jinforma lill-Ufficjal Investigattiv dwaru kif naqas milli jaghmel referenza ghal dan il-fatt meta xehed f’dawn il-proceduri. Inoltre fid-29 ta’ Marzu 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghall-ammont ta’ Lm47,000 fejn il-propjeta f’San Pawl il-Bahar inghatat b’ipoteka specjali lil John Farrugia. Inoltre mix-xhieda moghtija mill-istess kwerelant fil-proceduri civili li huwa istitwixxa kontra l-imputat wiehed jista’ jikkonstata li Farrugia kien ben konxju li l-propjeta’ kienet ser tinbiegh lil terzi u li l-konvenju ma kienx ghadu in vigore. Mhux talli l-konvenju gie kancellat izda l-partijiet iffirmaw kuntratt gdid ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fejn l-imputat ikkostitwixxa ruhu debitur ta’ John Farrugia fis-somma li Farrugia f’dawn il-proceduri qed jallega li hallas bhala prezz tal-fond li kellu jixtri minghand l-imputat. F’dan il-kaz ghalhekk jirrizulta car li l-partijiet irrexindew l-obbligazzjonijiet ta’ bejgh u xiri u minflok dahlu f’obbligazzjoni gdida fejn saret kanonizzazzjoni ta’ kreditu. Il-Qorti jidrilha li fil-kaz tal-kwerela maghmula minn John Farrugia la tista’ tirrizulta l-approprijazzjoni indebita u l-anqas it-truffa jew frodi nnominata ghaliex ma giex pruvat li sar uzu differenti tal-flus mghoddija minnu lill-imputat minn dak specifikat bjn il-partijiet u l-anqas gew pruvati l-messa in xena jew l-ingann da parti tal-imputat. Kif spjegat aktar ‘il fuq il-messa in xena semmai saret u giet mitluba mill-kwerelant sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu u huwa kien dejjem ben konxju dwar dak li kien qed jigri ghaliex meta gie rexiss il-konvenju kien a konoxxenza tal-fatt li dan kien qed isir ghaliex il-propjeta’ kienet ser tinbiegh lil terzi. Fil-fehma tal-Qorti kemm fil-kaz ta’ John Farrugia kif ukoll fil-kaz ta’ Raymond Farrugia huma irrikorrew ghar-rapport li Pulizija sabiex joholqu pressjoni fuq l-imputat sabiex ihallashom id-dejn civili li kellu maghhom. Huwa pjuttost evidenti li mhux kull obbligu kontrattwali li ma jigix onorat iwassal bil-fors ghar-reat ta’ approprjazzjoni indebita jew truffa.

Kemm fil-kaz ta' John Farrugia kif ukoll fil-kaz ta' Raymond Farrugia l-Qorti setghat tikkonstata li huma kienu jadoperaw metodi ghal kollox inacettabbli sabiex jippruvaw jahbu l-fatt li kienu qed iselfu il-flus lill-imputat u dan billi jirrikorru ghal konvenji fittizji eccetera. Fil-kaz ta' Raymond Farrugia jidher addirrittura li gie esebit kuntratt li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li ma sarx. Dan jinghad ghaliex wiehed difficilment jifhem kif sebat ijiem qabel ma suppost sar il-kuntratt ta' bejgh tal-mahzen f'Haz-Zebbug lis-socjeta' ta' Raymond Farrugia dan tal-ahhar kien diga' qabbad lill-avukat tieghu sabiex jinterpella lill-imputat jizgombra mill-fond li jghid li kien diga' tieghu.

Il-Qorti jidrilha li la fil-kaz ta' John Farrugia u l-anqas fil-kaz ta' Raymond Farrugia ma jirrizulta li giet adoperata xi truffa jew frodi innominata da parti tal-imputat jew li saret xi approprijazzjoni indebita mill-flus li huma ghaddewlu b'titolu ta' self.  Il-fatt li l-imputat naqas milli jhallas il-flus lura lill-ahwa Farrugia entro t-terminu patwit jikkostitwixxi biss obbligu kuntrattwali li ma giex onorat izda ma jwassal ghal ebda reat ta' approprijazzjoni indebita jew truffa.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement liberat mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------